MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2003

Rikors Numru. 77/1999/2

**John Bonavia**

**Vs**

**Carmelo sive Charles**
**u Carmen konjugi Zahra**

**Il-Qorti;**

Rat ir-Rikors u kontestwali Cedola ta’ Kompensazzjoni prezentati minn John Bonavia fl-10 ta’ Ottubru, 2002, li in forza taghhom talab li l-offerta *‘animo compensandi’*, li kien awtorizzat jaghmel b’digriet ta’ din il-Qorti tad-29 ta’ Novembru, 2000, u li fil-fatt ghamel bil-prezz ta’ Lm18,000 fuq il-fond “The Orchids”, Triq is-Sultana, Paola, tigi ikkonfermata u b’hekk wara li jikkompensa l-

krediti tieghu ta' Lm17,574, jghaddi biex jiddeposita s-somma ta' Lm426;

Rat l-opposizzjoni imressqa minn Vincent u Giorgina konjugi Zahra fit-18 ta' Ottubru, 2002, u tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fl-14 ta' Ottubru, 2002;

Rat ir-Replika ta' John Bonavia;

Semghet sommarjament lid-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi f'dawn il-proceduri jirrizulta li r-rikorrenti John Bonavia hu kreditur ta' l-konjugi Zahra skond kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Paul Pullicino tal-11 ta' Lulju, 1997, li gie res ezekkuttiv b'Ittri Ufficcjali tat-12 ta' Novembru, 1999 u tad-29 ta' Dicembru, 1999, u in segwitu talab il-bejgh b'subasta tal-fond "The Orchids", Triq is-Sultana, Paola, u dan biex mir-rikavat jithallas il-kreditu tieghu.

Illi din is-subasta prosegwiet regolarment, u l-offerta "*animo compensandi*" li ghamel l-istess John Bonavia giet aggudikata favorevolment meta l-fond gie liberat favur tieghu fit-8 ta' Ottubru, 2002. Il-kreditur John Bonavia issa qed jitlob li l-offerta ta' kumpensazzjoni tigi approvata definitivament.

Kif inghad, kontra din it-talba saret opposizzjoni mill-konjugi Zahra u mid-Dipartiment tal-VAT. Ir-rikorrenti, donnu qed jaccetta l-pretensjoni tal-konjugi Zahra, izda qed jikkontesta l-privilegg reklamat mid-Dipartiment tal-VAT.

Ir-rikorrenti ressaq zewg ragunijiet li in forza taghhom qed jitlob lil din il-Qorti biex tiskarta l-opposizzjoni tad-Dipartiment tal-VAT. L-ewwel raguni, hi bazata fuq il-fatt li meta d-Dipartiment intervjena fis-subasta, hu talab li jintervjeni fis-subasta tal-mobbli, u mhux f'dik tal-bini, u kwindi, issa, huwa prekluz milli jikkompeti fuq ir-rikavat mill-bejgh tal-immobli. Il-Qorti ma taqbilx ma dan l-argument. Id-Dipartiment tal-VAT setgha kellu r-ragunijiet

tieghu ghalhiex ried jintervjeni biss fil-bejgh tal-mobbili, pero’ bhala kreditur, jista’ dejjem jikkompeti fuq flus li jigu depositati taht l-awtorita’ tal-Qorti. Anke kreditur li ma jippartecipax fis-subasta, ghandu d-dritt jopponi talba ghall-kumpensazzjoni billi jirreklama kawza ta’ preferenza li tintitolah jizbanka r-rikavat bi preferenza ghall-kreditur ezekutant. Il-ligi ma tillimitax id-dritt ta’ opposizzjoni ghall-kredituri li jkunu ippartecipaw fis-subasta, u lanqas ma ccahhad lil min ikun ippartecipa f’subasta wahda, milli jinkonkorri fuq depositu naxxenti minn subasta ohra. Kwindi, din il-Qorti ma tqies l-opposizzjoni tar-rikorrent bhala valida.

It-tieni raguni hi bazata fuq il-meritu tal-privilegg reklamat mid-Dipartiment tal-VAT. Ir-rikorrent jissottometti li skond l-artikolu 51 tal-Att XII tal-1994, il-Kummissarju tal-VAT jista’ jinvoka privilegg fuq “l-attiv li jaghmel sehem mill-attiv ekonomiku” tal-persuna indikata, u mhux, allura, fuq id-dar residenzjali ta’ dik il-persuna, kif inhu il-kaz in ezami. Fil-fatt, ir-rikavat jirrapprezenta l-prezz tal-bejgh tad-dar tar-residenza tad-direttur tal-kumpanija, debitrici tad-Dipartiment tal-VAT, u din id-dar, qed jigi sottomess, zgur mhux parti mill- “attiv ekonomiku” tal-persuna taxxabbli, cioe’, l-kumpanija Rees Furniture Co. Ltd.

Il-Qorti tinnota, pero’, li, skond il-ligi, id-diretturi u l-ufficjali ta’ kumpanija huma personalment responsabbli ghall-hlasijet tat-taxxa u penali li tista’ tkun dovuta mill-kumpanija, u dwar il-validita o meno tal-privilegg, thoss li din mhux materja li ghandha tigi investigata f’dawn il-proceduri.

L-estensjoni tal-privilegg allegat, u cioe’ jekk ikoprix jew le r-residenza tad-diretturi, trid tigi mistharga fil-proceduri appositi ta’ konkors, liema proceduri jridu jinfethu wara li l-prezz tal-bejgh jigi depositat taht l-awtorita’ ta din il-Qorti. Din il-Qorti, f’dawn il-proceduri, fejn semghet lill-partijiet sommarjament, ma tistax tislet il-privileggi u tipprovdi ghar-*ranking* u/jew il-validita’ taghhom. Sakemm l-opposizzjonijiet ma jkunux totalment frivoli u vessatorji, l-Qorti trid tirreferi l-materja ghall-gudizzju separat, fejn id-diversi allegazzjonijiet u pretensjonijiet ikunu jistghu jigu

mistharga *funditus* u wara ezami metikulus tal-principji involuti.

Ghaldaqstant din il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi, qed tichad it-talba ta’ John Bonavia ghall-approvazzjoni tac-Cedola ta’ Kompensazzjoni, u r-rikorrent ghandu, fi zmien sitt ijiem millum, jiddeposita taht l-awtorita’ ta’ din il-Qorti l-prezz tal-liberazzjoni tal-fond, sabiex sussegwentement, min hu interessat, iniedi l-proceduri ghall-ftuh ta’ konkors tal-kredituri fuq is-somma hekk depositata; f’kaz li dan ma jsirx, ghandhom japplikaw il-provedamenti tal-artikoli 329 u 340 tal Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

L-ispejjez ta’dawn il-proceduri jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

--------------------------------TMIEM--------------------------------